KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.11.2009
KUMM(2009)634 finali

2009/0176 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità**

(Verżjoni kkodifikata)

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa għall-poplu, il-Kummissjoni tisħaq li tissimplifika u tiċċara il-liġi tal-Komunita sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli liċ-ċittadin komuni u b'hekk toffrilu aktar opportunitajiet u ċ-ċans li juża d-drittijiet speċifiċi li tagħtih.

   Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi b'mod sostanzjali, jibqgħu imferxin bejn l-att oriġinali u atti segwenti li jemendaw l-oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' riċerka mdaqqsa li tqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli preżenti.

   Għalhekk hu essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tal-Komunita tkun ċara u trasparenti.

2. Għalhekk fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet[1] li tordna lill-persunal tagħha li kull att leġislattiv għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, u tenfasizza li din hi kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw li jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke wara inqas emendi biex jiżguraw li r-regoli tal-Komunita huma ċari u jinftiehmu malajr.

3. Il-Konklużjoni tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992) ikkonfermaw dan[2], waqt li saħqu l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza għal-liġi applikabbli.

   Il-kodifikazzjoni għandha sseħħ skont il-proċedura normali leġislattiva tal-Komunita.

   Għalkemm l-ebda bidla sostanzjali ma tista ssir lill-atti li jiġu kkodifikati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu permezz ta' ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 li jistgħu jużaw proċedura mgħaġġla għall-adozzjoni bikrija ta' atti ta' kodifikazzjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta hi li sseħħ il-kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità[3]. Ir-Regolament l-ġdid jissupera lill-atti varji inkorporati fih[4]; din il-proposta żżomm il-kontenut kollu tal-atti li qed jiġu kkodifikati u għalhekk kull ma tagħmel hu li tgħaqqadhom bl-emendi formali biss kif meħtieġ mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.

5. Il-proposta tal-kodifikazzjoni nħasbet a bażi ta' konsolidazzjoni preliminarja fl-ilsna kollha uffiċjali tar-Regolament (KEE) Nru 95/93 u tal-atti li jemendawh, magħmula mill-Uffiċċju għall-Publikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' data. Fejn l-artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrelazzjoni bejn in-numri ġodda u qodma tidher fit-tabella misjuba fl-Anness II tar-Regolament kkodifikat.

---

[1] COM(87) 868 PV.

[2] Ara l-Anness 3 għal Parti A tal-Konklużjonijiet.

[3] Magħmul skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Kodifikazzjoni ta' l-Acquis Communautaire, COM(2001) 645 finali.

[4] Ara l-Anness I għal din il-proposta.

| ↓ 95/93 (adattat) |
|---|

2009/0176 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (verżjoni kkodifikata)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ⌦ 80(2) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⌦ Ewropew ⌫[5],

⌦ Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[6], ⌫

⌦ Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[7], ⌫

Billi:

| ↓ |
|---|

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1995 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità[8] ġie emendat kemm-il darba b'mod sostanzjali[9]. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

5 ĠU C ⌦ [...], [...], p. [...]. ⌫
6 ĠU C [...], [...], p. [...].
7 ĠU C [...], [...], p. [...].
8 ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1.
9 Ara l-Anness I.

↓ 95/93 Premessa 1

(2) Hemm żbilanċ dejjem jikber bejn l-espansjoni tas-sistema ta' trasport bl-ajru fl-Ewropa u d-disponibbiltà tal-infrastruttura adegwata tal-ajruporti biex tlaħħaq ma' dik id-domanda. Hemm, bħala riżultat, numru dejjem jikber ta' ajruporti b'konġestjoni fil-Komunità.

↓ 95/93 Premessa 2

(3) L-allokazzjoni ta' slots fl-ajruporti b'konġestjoni għandha tkun ibbażata fuq regoli newtrali, trasparenti u mhux diskriminatorji.

↓ 95/93 Premessa 3

(4) Il-ħtieġa ta' newtralità hija l-aħjar iggarantita meta d-deċiżjoni biex jiġi kkoordinat ajruport tittieħed mill-Istat Membru responsabbli għal dak l-ajruport fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi.

↓ 95/93 Premessa 4

(5) Taħt ċerti kundizzjonijiet, sabiex ikunu ffaċilitati l-operazzjonijiet, hu mixtieq li Stat Membru jkun kapaċi jinnomina ajruport bħala kkoordinat basta li l-prinċipji ta' trasparenza, newtralità u non-diskriminazzjoni jkunu osservati.

↓ 95/93 Premessa 5

(6) L-Istat Membru responsabbli għall-ajruport ikkoordinat għandu jassigura n-nomina ta' koordinatur li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar in-newtralità tiegħu.

↓ 95/93 Premessa 6

(7) It-trasparenza tal-informazzjoni hi element essenzjali biex tiġi assigurata proċedura oġġettiva għall-allokazzjoni ta' slots.

↓ 95/93 Premessa 7 (adattat)

(8) Il-prinċipji li jirregolaw is-sistema eżistenti ta' allokazzjoni ta' slots tista' tkun il-bażi ta' dan ir-Regolament sakemm din is-sistema tevolvi f'armonija mal-evoluzzjoni ta' żviluppi ⌦ ġodda fil-qasam tat-trasport ⌫ fil-Komunità.

🡻 95/93 Premessa 8 (adattat)

(9) Hija l-politika tal-Komunità li tiġi ffaċilitata l-kompetizzjoni u li jkun inkoraġġit dħul fis-suq, kif inhu pprovdut fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità[10], u dawn l-oġġettivi jeħtieġu appoġġ qawwi ⌦ għat-trasportaturi ⌫ li jkunu beħsiebhom jibdew operazzjonijiet fuq rotot ġewwa l-Komunità.

🡻 95/93 Premessa 9 (adattat)

(10) Is-sistema eżistenti ⌦ tipprovdi għal drittijiet kweżiti ⌫.

🡻 95/93 Premessa 10 (adattat)

(11) ⌦ Għandhom ukoll jiġu stabbiliti ⌫ dispożizzjonijiet li jippermettu ⌦ parteċipanti ⌫ ġodda fis-suq tal-Komunità.

🡻 95/93 Premessa 11

(12) Hu meħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet speċjali, taħt ċirkostanzi limitati, għall-manutenzjoni ta' servizzi tal-ajru domestiċi adegwati għal reġjuni tal-Istat Membru kkonċernat.

🡻 95/93 Premessa 12 (adattat)

(13) Hu ukoll meħtieġ li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn, minħabba nuqqas ta' slots disponibbli, il-beneficċji ta' liberalizzazzjoni jkunu mqassma b'mod mhux ekwu u ⌦ jkun hemm distorsjoni tal- ⌫ kompetizzjoni.

🡻 95/93 Premessa 13

(14) Hu mixtieq li jsir l-aħjar użu mis-slots eżistenti sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti hawn fuq.

[10] ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.

↓ 95/93 Premessa 14 (adattat)

(15) Hu mixtieq li pajjiżi ⌦ terzi ⌫ joffru ⌦ lit-trasportaturi ⌫ tal-Komunità trattament ugwali.

---

↓ 95/93 Premessa 15 (adattat)

(16) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' kompetizzjoni tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikoli ⌦ 81 ⌫ u ⌦ 82 ⌫.

---

↓ 95/93 Premessa 16

(17) Arranġamenti għal kooperazzjoni akbar dwar l-użu tal-ajruport ta' Ġibiltà kienu miftiehma f'Londra fit-2 ta' Diċembru 1987 minn Spanja u mir-Renju Unit f'dikjarazzjoni konġunta mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin taż-żewġ Stati Membri, u dawk l-arranġamenti għadhom iridu jidħlu fis-seħħ.

---

↓

(18) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni[11].

---

↓ 95/93 Premessa 17

(19) Dan ir-Regolament għandu jkun irrivedut wara perjodu stabbilit ta' operazzjoni biex jevalwa t-tħaddim tiegħu,

[11] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

⬇ 95/93

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

⬇ 793/2004 Art. 1, pt. 1

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ajruporti tal-Komunità.

⬇ 95/93

2. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà hi mifhuma li hi mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi ta' Spanja u tar-Renju Unit għar-rigward tal-kwistjoni dwar is-sovranità fuq it-territorju ta' fejn jinstab l-ajruport.

3. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà għandha tkun sospiża sakemm l-arranġamenti fid-dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin ta' Spanja u tar-Renju Unit fit-2 ta' Diċembru 1987 ikunu daħlu fis-seħħ. Il-Gvernijiet ta' Spanja u tar-Renju Unit għandhom jinfurmaw lill-Kunsill b'din id-data.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

⬇ 793/2004 Art. 1, pt. 2(a) (adattat)

(a) "slot" tfisser il-permess mogħti minn koordinatur skont dan ir-Regolament għall-użu tal-firxa sħiħa tal-infrastruttura tal-ajruport meħtieġa għall-operazzjoni ta' servizz bl-ajru f'ajruport koordinat f'data u ħin speċifiċi għall- ⌦ finijiet ⌫ tat-tniżżil u t-tluq kif allokati minn koordinatur skont dan ir-Regolament;

(b) "⌦ parteċipant ⌫ ġdid" tfisser:

(i) trasportatur bl-ajru li jitlob, bħala parti minn serje ta' ⌦ slots, slot ⌫ f'ajruport f'jum partikolari, fejn, jekk it-talba tat-trasportatur tintlaqa', dan fit-total ikollu anqas minn ħames slots f'dak l-ajruport f'dak il-jum; jew

(ii) trasportatur bl-ajru li jitlob serje ta' slots għal servizz skedat tal-passiġġieri li ma jiqafx bejn żewġ ajruporti tal-Komunità fejn l-aktar l-aktar żewġ trasportaturi bl-ajru oħra joperaw l-istess servizz skedat li ma jiqafx bejn dawk l-ajruporti jew sistemi ta' ajruport f'dak il-jum, fejn, jekk it-talba tat-trasportatur bl-ajru tiġi aċċettata, it-trasportatur bl-ajru xorta waħda jkollu anqas minn ħames slots f'dak l-ajruport f'dak il-jum għal dak is-servizz li ma jiqafx, jew

(iii) trasportatur bl-ajru li jitlob serje ta' slots f'ajruport għal servizz skedat tal-passiġġieri li ma jiqafx bejn dak l-ajruport u ajruport reġjonali fejn ebda trasportatur bl-ajru ieħor ma jkun jopera servizz skedat dirett tal-passiġġieri bejn dawk l-ajruporti jew sistemi ta' ajruport f'dak il-jum, fejn, jekk it-talba tat-trasportatur bl-ajru tiġi aċċettata, it-trasportatur bl-ajru xorta waħda jkollu anqas minn ħames slots f'dak l-ajruport f'dak il-jum għal dak is-servizz li ma jiqafx.

Trasportatur bl-ajru li jkollu aktar minn 5 % tas-slots totali disponibbli fil-jum inkwistjoni f'ajruport partikolari, jew aktar minn 4 % tas-slots totali disponibbli fil-jum inkwistjoni f'sistema ta' ajruport li tagħha jifforma parti l-ajruport, ma jiġix kunsidrat bħala ⌦ parteċipant ⌫ ġdid f'dak l-ajruport;

---

| ↓ 95/93 |
|---|

(ċ) "servizz bl-ajru dirett" tfisser servizz bejn żewġ ajruporti inklużi waqfien waqt ir-rotta bl-istess ajruplan u bl-istess numru tat-titjira;

(d) "perjodu ta' skedar" tfisser jew l-istaġun tas-sajf jew tax-xitwa kif użat fl-iskedi ta' trasportaturi bl-ajru;

(e) "trasportatur bl-ajru Komunitarju" tfisser trasportatur bl-ajru li jkollu liċenza biex topera valida maħruġa minn Stat Membru skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008;

---

| ↓ 793/2004 Art. 1, pt. 2(b) (adattat) |
|---|

(f) (i) "trasportatur bl-ajru" tfisser impriża tat-trasport bl-ajru li jkollha liċenza biex topera valida jew ekwivalenti l-aktar tard fil-31 ta' Jannar għall-istaġun tas-sajf li jiġi wara jew fil-31 ta' Awwissu għall-istaġun tax-xitwa li jiġi wara; għall-finijiet tal-Artikoli 4, 8, 9 u 12, it-tifsira ta' "trasportatur bl-ajru" għandha wkoll tinkludi operaturi ⌦ tal-avjazzjoni għan-negozju ⌫, meta dawn joperaw skont skeda; għall-finijiet tal-Artikoli 7 u 17, it-tifsira ta' "trasportatur bl-ajru" għandha wkoll tinkludi l-operaturi kollha ta' bċejjeċ tal-ajru ċivili;

(ii) "grupp ta' trasportaturi bl-ajru" tfisser żewġ trasportaturi bl-ajru jew aktar li flimkien iwettqu operazzjonijiet konġunti, operazzjonijiet ⌦ ta' franchise ⌫ jew code-sharing għall-finijiet tal-operazzjoni ta' servizz speċifiku tal-ajru;

(g) "ajruport koordinat" tfisser xi ajruport fejn, sabiex jinżel jew jitlaq, ikun meħtieġ li trasportatur bl-ajru jew xi operatur ieħor ta' bċejjeċ tal-ajru jiġi allokat slot minn koordinatur, bl-eċċezzjoni ta' titjiriet tal-Istat, inżul ta' emerġenza u titjiriet umanitarji;

---

| ↓ 95/93 (adattat) |
|---|

(h) "sistema ta' ajruport" tfisser żewġ ajruporti jew aktar iggruppati flimkien ⌦ u li j ⌫ servu l-istess belt jew konurbazzjoni;

---

| ↓ 793/2004 Art. 1, pt. 2(ċ) (adattat) |
|---|

(i) "ajruport ⌦ bi skedi ⌫ faċilitati" tfisser ajruport fejn ikun hemm potenzjal għall-konġestjoni f'xi perjodi tal-jum, ġimgħa jew sena li tista' tiġi solvuta b'kooperazzjoni volontarja bejn trasportaturi bl-ajru u fejn faċilitatur tal-iskedi jkun ġie maħtur biex jiffaċilita l-operazzjonijiet tat-trasportaturi bl-ajru li joperaw servizzi jew li jkollhom il-ħsieb li joperaw servizzi f'dak l-ajruport;

(j) "korp ta' ⌦ ġestjoni ⌫ ta' ajruport" tfisser il-korp li, flimkien ma' attivitajiet oħra jew mod ieħor, ikollu l-kompitu taħt liġijiet nazzjonali jew regolamenti li jamministra u ⌦ jiġġestixxi ⌫ l-faċilitajiet tal-ajruport u li jikkoordina u jikkontrolla l-attivitajiet tal-operaturi varji preżenti fl-ajruport jew fi ħdan is-sistema tal-ajruport konċernat;

(k) "serje ta' slots" tfisser li jkunu ntalbu tal-anqas ħames slots fl-istess jum tal-ġimgħa regolarment fl-istess perjodu ta' skedar u allokati b'dak il-mod jew, jekk dan ma jkunx possibbli, allokati bejn wieħed u ieħor fl-istess ħin;

(l) "avjazzjoni ⌦ għan-negozju ⌫" tfisser dak is-settur tal-avjazzjoni ġenerali li jikkonċerna l-operazzjoni jew l-użu ta' bċejjeċ tal-ajru minn kumpaniji għall-ġarr ta' passiġġieri jew oġġetti bħala għajnuna għat-twettiq tan-negozju tagħhom, fejn il-bċejjeċ tal-ajru jittajru għal finijiet ġeneralment kunsidrati mhux għall-kiri pubbliku u jkunu misjuqa minn individwi li jkollhom, bħala minimu, liċenza valida ta' pilota kummerċjali bi grad ta' strument;

(m) "parametri ta' koordinament" tfisser l-espressjoni f'termini operazzjonali tal-kapaċità kollha disponibbli għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruport matul kull perjodu ta' koordinament, li tirrifletti l-fatturi kollha tekniċi, operazzjonali u ambjentali li jaffettwaw l-andament tal-infrastruttura tal-ajruport u s-subsistemi differenti tiegħu.

↓ 95/93

*Artikolu 3*

**Kondizzjonijiet għal koordinament ta' ajruport**

↓ 793/2004 Art. 1, pt. 3(a) (adattat)

1. ⌦ L-Istati Membri ⌫ ma ⌦ għandu ⌫ jkoll ⌦ hom ⌫ ebda obbligu li jsemm ⌦ u ⌫ xi ajruporti bħala ⌦ bi skedi ⌫ faċilitati jew koordinati ħlief skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

⌦ L-Istati Membri ⌫ ma għand ⌦ homx ⌫ isemm ⌦ u ⌫ ajruport bħala koordinat ħlief skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3.

↓ 95/93 (adattat)
➔1 793/2004 Art. 1, pt. 3(b)

2. Stat Membru jista', iżda, jipprovdi għal kull ajruport li jkun magħżul bħala ➔1 ajruport bi skedi ⌦ faċilitati ⌫ ← sakemm il-prinċipji ta' trasparenza, newtralità u non-diskriminazzjoni jkunu osservati.

↓ 793/2004 Art. 1, pt. 3(ċ) (adattat)

3. L-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li analiżi dettaljata tal-kapaċità titwettaq f'ajruport li ma jkollu ebda status imsemmi jew f'ajruport ⌦ bi skedi ⌫ faċilitat ⌦ i ⌫ mill-korp ⌦ ta' ġestjoni ⌫ ta' dak l-ajruport jew minn xi korp ieħor kompetenti fejn dak l-Istat Membru jqis meħtieġ, jew fi żmien sitt xhur:

(i) wara talba bil-miktub minn trasportaturi bl-ajru li jirrappreżentaw aktar min-nofs tal-operazzjonijiet f'ajruport jew mill-korp ⌦ ta' ġestjoni ⌫ tal-ajruport meta xi wieħed minn dawn jikkonsidra li l-kapaċità ma tkunx biżżejjed għall-operazzjonijiet attwali jew ippjanati f'ċerti perjodi; jew

(ii) fuq talba mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fejn ajruport fir-realtà jkun aċċessibbli biss għal trasportaturi bl-ajru li jkunu ġew allokati slots jew fejn trasportaturi bl-ajru u b'mod partikolari ⌦ parteċipanti ⌫ ġodda jiltaqgħu ma' problemi serji biex jassiguraw possibbiltajiet ta' nżul u tluq fl-ajruport inkwistjoni.

Din l-analiżi, ibbażata fuq metodi komunement rikonoxxuti, għandha tistabbilixxi kull nuqqas fil-kapaċità, waqt li tagħti kont tal-limiti ambjentali fl-ajruport inkwistjoni. L-analiżi għandha tikkonsidra l-possibbiltajiet li tegħleb ⌦ tali nuqqas ⌫ permezz ta' infrastruttura ġdida jew modifikata, bidliet operazzjonali, jew xi bidla oħra, u l-limitu ta' żmien maħsub biex tissolva l-problema. Dan għandu jiġi aġġornat jekk ikun invokat il-paragrafu 5, jew fejn ikun hemm tibdil fl-ajruport li jinfluwenzaw sinjifikattivament il-kapaċità tiegħu u l-kapaċità tal-użu. Kemm l-analiżi u l-metodu użat għandhom jintgħamlu disponibbli lill-partijiet li jkunu talbu l-analiżi u, fuq talba, lil partijiet oħra interessati. L-analiżi għandha tkun komunikata lill-Kummissjoni fl-istess waqt.

---

| |
|---|
| ↓ 793/2004 Art. 1, pt. 3(d) (adattat) |

4. Fuq il-bażi tal-analiżi, l-Istat Membru għandu jikkonsulta dwar is-sitwazzjoni tal-kapaċità fl-ajruport mal-korp ⌦ ta' ġestjoni ⌫ tal-ajruport, it-trasportaturi bl-ajru li jużaw l-ajruport regolarment, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, rappreżentanti tal-avjazzjoni ġenerali li jużaw l-ajruport regolarment u l-awtoritajiet li jikkontrollaw it-traffiku tal-ajru.

5. Fejn iseħħu problemi ta' kapaċità għal tal-anqas perjodu wieħed ta' skedar, l-Istat Membru għandu jiżgura li l-ajruport jissemma bħala koordinat għall-perjodi rilevanti biss jekk:

(a) in-nuqqas ikun ta' dik in-natura serja li ma jkunx jista' jiġi evitat dewmien sinjifikanti fl-ajruport, u

(b) ma jkun hemm ebda possibbiltajiet li jiġu riżolti dawn il-problemi f'terminu qasir ta' żmien.

6. B'deroga mill-paragrafu 5, l-Istati Membri jistgħu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, isemmu bħala koordinati l-ajruporti affettwati għall-perjodu xieraq.

---

| |
|---|
| ↓ 95/93 (adattat)<br>➔1 793/2004 Art. 1, pt. 3(e) |

➔1 7. ← Meta kapaċità biżżejjed biex ⌦ tissodisfa ⌫ operazzjonijiet attwali jew ippjanati tkun ipprovduta f' ➔1 ajruport koordinat ←, in-nominazzjoni tiegħu bħala ➔1 ajruport koordinat ← għandha titneħħa.

*Artikolu 4*

---

⬇ 793/2004 Art. 1, pt. 4(a)

**Il-faċilitatur tal-iskedi u l-koordinatur**

---

⬇ 793/2004 Art. 1, pt. 4(b) (adattat)

1. L-Istat Membru responsabbli għal ajruport bi skedi ⌦ faċilitati ⌫ jew koordinat għandu jiżgura l-ħatra ta' persuna kwalifikata naturali jew ġuridika bħala faċilitatur tal-iskedi jew koordinatur tal-ajruport rispettivament wara li jkun ikkonsulta mat-trasportaturi bl-ajru li jużaw l-ajruport regolarment, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom u l-korp ⌦ ta' ġestjoni ⌫ tal-ajruport u l-kumitat ta' koordinament, fejn dak il-kumitat ikun jeżisti. L-istess faċilitatur tal-iskedi jew koordinatur jista' jinħatar għal aktar minn ajruport wieħed.

2. L-Istat Membru responsabbli għal ajruport bi skedi faċilitati jew koordinat għandu jiżgura:

(a) li f'ajruport bi skedi faċilitati, il-faċilitatur tal-iskedi jaġixxi taħt dan ir-Regolament b'mod indipendenti, newtrali, non-diskriminatorju u trasparenti;

(b) l-indipendenza tal-koordinatur f'ajruport koordinat billi funzjonalment il-koordinatur jiġi separat minn xi parti waħda interessata. Is-sistema tal-finanzjament tal-attivitajiet tal-koordinatur għandha tkun tali li tiggarantixxi l-istatus indipendenti tal-koordinatur;

(ċ) li l-koordinatur jaġixxi skont dan ir-Regolament b'mod newtrali, non-diskriminatorju u trasparenti.

3. Il-faċilitatur tal-iskedi u l-koordinatur għandhom jipparteċipaw f'dawk il-konferenzi internazzjonali ta' skedar ta' trasportaturi bl-ajru hekk kif huma permessi bil-liġi tal-Komunità.

4. Il-faċilitatur tal-iskedi għandu jagħti pariri lit-trasportaturi bl-ajru u jirrakkomanda ħinijiet alternattivi tal-wasla u/jew tluq fejn x'aktarx li sseħħ konġestjoni.

5. Il-koordinatur għandu jkun il-persuna unika responsabbli għall-allokazzjoni tas-slots. Huwa għandu jalloka s-slots skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jieħu ħsieb sabiex, fil-każ ta' emerġenza, is-slots ⌦ ikunu jistgħu ⌫ jiġu wkoll allokati barra l-ħinijiet tal-uffiċċju.

6. Il-faċilitatur tal-iskedi għandu jimmonitorja l-konformità tal-operazzjonijiet tat-trasportaturi bl-ajru mal-iskedi rakkomandati lilhom. Il-koordinatur għandu jimmonitorja l-konformità tal-operazzjonijiet tat-trasportaturi bl-ajru mas-slots allokati lilhom. Dawn il-verifiki ta' konformità għandhom jitwettqu b'kooperazzjoni mal-korp ⌦ ta' ġestjoni ⌫ tal-ajruport u l-awtoritajiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru u għandhom jagħtu kont tal-ħin u ta' parametri oħra rilevanti li jirrelataw mal-ajruport konċernat. Il-koordinatur għandu jibgħat fuq talba lill-Istati Membri konċernati u lill-Kummissjoni rapport annwali ta' attività, li jikkonċerna, b'mod partikolari, l-applikazzjoni tal-Artikoli 9 u 17, kif ukoll xi lmenti li jirrigwardaw

l-applikazzjoni tal-Artikoli 8 u 12 mibgħuta lill-kumitat ta' koordinament u l-passi meħuda biex jiġu riżolti.

7. Il-faċilitaturi tal-iskeda kollha u l-koordinaturi għandhom jikkooperaw biex jikxfu inkonsistenzi fl-iskedi.

---

| |
|---|
| 🡻 95/93<br>➔1 793/2004 Art. 1, pt. 4(ċ) |

➔1 8. Il-koordinatur għandu fuq talba u fi żmien raġonevoli jagħmel disponibbli mingħajr ħlas għar-reviżjoni minn partijiet interessati, b'mod partikolari lill-membri jew osservaturi tal-kumitat ta' koordinament, jew f'forma bil-miktub jew f'xi forma oħra faċilment aċċessibbli, l-informazzjoni li ġejja: 🡐

(a) slots storiċi bil-linja tal-ajru, b'mod kronoloġiku, għat-trasportaturi bl-ajru kollha fl-ajruport;

(b) slots mitluba (sottomissjonijiet inizjali), minn dawk it-trasportaturi bl-ajru kollha u b'mod kronoloġiku, għat-trasportaturi bl-ajru kollha;

(ċ) is-slots kollha allokati, u talbiet ta' slots pendenti, elenkati individwalment f'ordni kronoloġiku, minn trasportaturi bl-ajru, għat-trasportaturi bl-ajru kollha;

(d) slots disponibbli li jkun fadal;

(e) dettalji sħaħ dwar il-kriterji użati fl-allokazzjoni.

---

| |
|---|
| 🡻 793/2004 Art. 1, pt. 4(d) |

9. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 8 għandha tintgħamel disponibbli l-aktar tard fil-ħin tal-konferenzi rilevanti ta' skedar u kif xieraq matul il-konferenzi u wara dan. Fuq talba, il-koordinatur għandu jipprovdi dik l-informazzjoni f'format imqassar. Jista' jintalab ħlas relatat man-nefqa għall-provvista ta' dik l-informazzjoni mqassra.

---

| |
|---|
| 🡻 793/2004 Art. 1, pt. 4(e) |

10. Fejn ikunu disponibbli standards rilevanti u ġeneralment aċċettati ta' informazzjoni dwar l-iskedi, il-faċilitatur tal-iskedi, il-koordinatur u t-trasportaturi bl-ajru għandhom japplikawhom kemm-il darba jkunu jikkonformaw mal-liġi tal-Komunità.

↓ 793/2004 Art. 1 pt. 5 (adattat)

*Artikolu 5*

**Kumitat ta' koordinament**

1. F'ajruport koordinat, l-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li jitwaqqaf kumitat ta' koordinament. L-istess kumitat ta' koordinament jista' jinħatar għal aktar minn ajruport wieħed. Is-sħubija f'dan il-kumitat għandha tkun miftuħa tal-anqas għat-trasportaturi bl-ajru li jużaw l-ajruport/i inkwistjoni regolarment u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, il-korp ⌦ ta' ġestjoni ⌫ tal-ajruport konċernat, l-awtoritajiet rilevanti tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru u r-rappreżentanti tal-avjazzjoni ġenerali li jużaw l-ajruport regolarment.

Il-kompiti tal-kumitat ta' koordinament għandhom ikunu:

(a) li jagħmel proposti li jikkonċernaw jew jagħti pariri lill-koordinatur u/jew lill-Istat Membru dwar:

(i) il-possibbiltajiet għal żieda fil-kapaċità tal-ajruport stabbiliti skont l-Artikolu 3 jew biex jittejjeb l-użu tiegħu;

(ii) il-parametri ta' koordinament li għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 6;

(iii) il-metodi tal-immonitorjar tal-użu tas-slots allokati;

(iv) linji gwida lokali għall-allokazzjoni ta' slots, waqt li jingħata kont, fost ħwejjeġ oħra, ta' tħassib ambjentali possibbli, kif hemm provdut fl-Artikolu 8(5);

(v) titjib fil-kondizzjonijiet tat-traffiku prevalenti fl-ajruport inkwistjoni;

(vi) problemi serji li jiltaqgħu magħhom ⌦ parteċipanti ⌫ ġodda, kif hemm provdut fl-Artikolu 12(9);

(vii) il-kwistjonijiet kollha li jirrelataw mal-kapaċità tal-ajruport;

(b) biex jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet kollha konċernati fuq ilmenti dwar l-allokazzjoni ta' slots, kif hemm provdut fl-Artikolu 13.

2. Ir-rappreżentanti tal-Istat Membru u l-koordinatur għandhom ikunu mistiedna għall-laqgħat tal-kumitat ta' koordinament bħala osservaturi.

3. Il-kumitat ta' koordinament għandu jħejji regoli bil-miktub ta' proċedura li jkopru, fost ħwejjeġ oħra, parteċipazzjoni, elezzjonijiet, il-frekwenza tal-laqgħat u l-lingwa/i użati. Kull membru tal-kumitat ta' koordinament jista' jipproponi linji gwida ⌦ lokali ⌫ kif hemm provdut fl-Artikolu 8(5). Fuq it-talba tal-koordinatur, il-kumitat ta' koordinament għandu jiddiskuti linji gwida lokali suġġeriti għall-allokazzjoni ta' slots kif ukoll dawk suġġeriti għall-immonitorjar tal-użu tas-slots allokati. Għandu jintbagħat rapport tad-diskussjonijiet fil-kumitat ta' koordinament lill-Istat Membru konċernat b'indikazzjoni tal-pożizzjonijiet rispettivi dikjarati fi ħdan il-kumitat.

*Artikolu 6*

**Parametri ta' koordinament**

1. F'ajruport koordinat l-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura l-istabbiliment tal-parametri għall-allokazzjoni ta’ slots darbtejn fis-sena, waqt li jagħti kont tal-limitazzjonijiet rilevanti tekniċi, operazzjonali u ambjentali kif ukoll xi bdil fihom.

Dan l-eżerċizzju għandu jkun ibbażat fuq analiżi oġġettiva tal-possibbiltajiet li jiġi akkomodat it-traffiku tal-ajru, waqt li jingħata kont tat-tipi differenti ta' traffiku fl-ajruport, il-konġestjoni tal-ispazju tal-ajru li x'aktarx isseħħ matul il-perjodu ta' koordinament u s-sitwazzjoni tal-kapaċità.

Il-parametri għandhom ikunu komunikati lill-koordinatur tal-ajruport fi żmien biżżejjed qabel ma sseħħ l-allokazzjoni inizjali ta’ slots għall-fini tal-konferenzi tal-iskedar.

2. Għall-fini tal-eżerċizzju msemmi fil-paragrafu 1, fejn l-Istat Membru ma jagħmilx dan, il-koordinatur għandu jiddefinixxi l-intervalli ta' ħin rilevanti ta' koordinament wara konsultazzjoni mal-kumitat ta' koordinament u b'konformità mal-kapaċità stabbilita.

3. L-istabbiliment tal-parametri u l-metodoloġija użata kif ukoll xi tibdil fihom għandhom ikunu diskussi fid-dettall fi ħdan il-kumitat ta' koordinament bil-ħsieb li tiżdied il-kapaċità u n-numru ta' slots disponibbli għall-allokazzjoni, qabel ma tittieħed deċiżjoni finali fuq il-parametri għall-allokazzjoni ta’ slots. Id-dokumenti kollha rilevanti għandhom jintgħamlu disponibbli fuq talba lill-partijiet interessati.

*Artikolu 7*

**Informazzjoni għall-faċilitaturi tal-iskedi u l-koordinaturi**

1. Trasportaturi bl-ajru li joperaw jew li jkollhom il-ħsieb li joperaw f'ajruport bi skedi faċilitati jew koordinat għandhom jibgħatu lill-faċilitatur tal-iskedi jew lill-koordinatur rispettivament l-informazzjoni kollha rilevanti mitluba minnhom. L-informazzjoni kollha rilevanti għandha tkun provduta fil-format u fil-limitu ta' żmien speċifikat mill-faċilitatur tal-iskedi jew koordinatur. B'mod partikolari, it-trasportatur bl-ajru għandu jinforma lill-koordinatur, fiż-żmien tat-talba għall-allokazzjoni, jekk ikunx jibbenefika mill-istatus ta' ⌦ parteċipant ⌫ ġdid, skont l-Artikolu 2(b), fir-rigward tas-slots mitluba.

Għall-ajruporti l-oħra kollha bl-ebda status partikolari msemmi, il-korp ⌦ ta’ ġestjoni ⌫ tal-ajruport għandu jipprovdi, meta mitlub minn koordinatur, kull informazzjoni fil-pussess tiegħu dwar is-servizzi ppjanati ta' trasportaturi bl-ajru.

2. Fejn trasportatur bl-ajru jonqos milli jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, sakemm ma jkunx jista' juri b'mod sodisfaċenti li jkunu jeżistu ċirkostanzi li jimmitigaw, jew jipprovdi informazzjoni falza jew li tqarraq, il-koordinatur ma għandux jagħti kont tat-talba jew talbiet għal slots minn dak it-trasportatur bl-ajru li għalih tirrelata l-informazzjoni nieqsa, falza jew li tqarraq. Il-koordinatur għandu jagħti lit-trasportatur bl-ajru l-opportunità li jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu.

3. Il-faċilitatur tal-iskedi jew il-koordinatur, il-korp ⌦ ta' ġestjoni ⌫ tal-ajruport jew l-awtoritajiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru għandhom jiskambjaw l-informazzjoni kollha li jeħtieġu għall-eżerċizzju tad-dmirijiet rispettivi tagħhom, inkluż tagħrif dwar titjiriet u slots.

*Artikolu 8*

**Proċess ta' allokazzjoni ta' slots**

1. Serje ta' slots jiġu allokati mill-pool tas-slots lit-trasportaturi applikanti bħala permessi biex jużaw l-infrastruttura tal-ajruport għall-fini ta' nżul jew tluq għall-perjodu ta' skedar li għalih jintalbu, li malli jiskadu dawn għandhom jingħataw lura lill-pool tas-slots kif imwaqqaf skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7, 9, 11, 12(1) u 17, il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika fejn il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) serje ta' slots tkun intużat minn trasportatur bl-ajru għall-operat ta' servizzi tal-ajru skedati u ⌦ servizzi tal-ajru mhux skedati ⌫ programmati, u

(b) dak it-trasportatur bl-ajru jkun jista' juri għas-sodisfazzjon tal-koordinatur li s-serje ta' slots inkwistjoni tkun ġiet operata, kif awtorizzat mill-koordinatur, minn dak it-trasportatur bl-ajru għal tal-anqas 80 % tal-ħin matul il-perjodu ta' skedar li għalih tkun ġiet allokata.

F'dan il-każ dik is-serje ta' slots għandha tintitola lit-trasportatur bl-ajru konċernat għall-istess serje ta' slots fil-perjodu ta' skedar ekwivalenti li jmiss, jekk tintalab minn dak it-trasportatur bl-ajru fil-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 7(1).

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12(2), f'sitwazzjoni fejn it-talbiet kollha għal slots ma jkunux jistgħu jintlaqgħu għas-sodisfazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru konċernati, għandha tingħata preferenza lis-servizzi kummerċjali tal-ajru u b'mod partikolari lis-servizzi skedati u lis-servizzi tal-ajru mhux skedati programmati. Fil-każ ta' talbiet li jikkompetu fl-istess kategorija ta' servizzi, għandha tingħata prijorità lill-operazzjonijiet ta' matul is-sena kollha.

4. L-għoti ta' ħinijiet mill-ġdid għal serje ta' slots qabel l-allokazzjoni tas-slots li jibqa' mill-pool imsemmi fl-Artikolu 12 lit-trasportaturi bl-ajru applikanti l-oħra għandu jkun aċċettat biss għal raġunijiet operazzjonali jew jekk il-ħinijiet tas-slots ta' trasportaturi bl-ajru applikanti jittejbu b'relazzjoni mal-ħinijiet inizjalment mitluba. Dan ma għandux ikollu effett qabel il-konferma espressa mill-koordinatur.

5. Il-koordinatur għandu wkoll jagħti kont tar-regoli addizzjonali u tal-linji gwida stabbiliti mill-industrija tat-trasport bl-ajru mad-dinja kollha jew mal-Komunità kollha kif ukoll tal-linji gwida lokali proposti mill-kumitat ta' koordinament u approvati mill-Istat Membru jew minn xi korp ieħor kompetenti responsabbli għall-ajruport inkwistjoni, kemm-il darba dawk ir-regoli u linji gwida ma jaffettwawx l-istatus indipendenti tal-koordinatur, jikkonformaw mal-liġi tal-Komunità u jimmiraw li jtejbu l-użu effiċjenti tal-kapaċità tal-ajruport. Dawn ir-regoli għandhom ikunu komunikati mill-Istat Membru inkwistjoni lill-Kummissjoni.

6. Jekk slot mitlub ma jkunx jista' jintlaqa', il-koordinatur għandu jinforma lit-trasportatur bl-ajru li jagħmel it-talba bir-raġunijiet għal dan u għandu jindika l-eqreb slot ⌦ alternattiv ⌫ disponibbli.

7. Il-koordinatur għandu, b'żieda mal-allokazzjoni ta’ slots ippjanata ⌦ għall-perjodu ta’ skedar ⌫, jagħmel minn kollox biex jakkomoda talbiet waħdiena għal slots b'avviż fi żmien qasir għal kull tip ta' avjazzjoni, inkluża avjazzjoni ġenerali. Għal dan il-għan, is-slots ⌦ li jibqgħu fil-pool i ⌫ msemmi fl-Artikolu 12 wara t-tqassim fost it-trasportaturi applikanti u s-slots disponibbli b'avviż qasir ta' żmien jistgħu jintużaw.

*Artikolu 9*

**Mobilità ta' slots**

1. Is-slots jistgħu jkunu:

(a) trasferiti minn trasportatur bl-ajru minn rotta jew tip ta' servizz għal ieħor imħaddem mill-istess trasportatur bl-ajru;

(b) trasferiti:

(i) bejn kumpaniji ⌦ parent ⌫ u sussidjarji, u bejn sussidjarji tal-istess kumpanija ⌦ parent ⌫;

(ii) bħala parti minn akkwist ta' kontroll fuq il-kapital ta' trasportatur bl-ajru;

(iii) fil-każ ta' trasferiment tal-kontroll totali jew parzjali fejn is-slots ikunu direttament relatati mat-trasportatur bl-ajru li jkun ħa l-kontroll;

(ċ) skambjati, wieħed b'wieħed, bejn trasportaturi bl-ajru.

2. It-trasferimenti jew skambji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu notifikati lill-koordinatur u ma għandhomx ikollhom effett qabel il-konferma espressa mill-koordinatur. Il-koordinatur għandu jirrifjuta li jikkonferma t-trasferimenti jew skambji jekk ma jkunux jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament u jekk il-koordinatur ma jkunx sodisfatt li:

(a) ma jkunux preġudikati l-operazzjonijiet tal-ajruport, waqt li jingħata kont tal-limitazzjonijiet kollha tekniċi, operazzjonali u ambjentali;

(b) limitazzjonijiet imposti skont l-Artikolu 11 ikunu rispettati;

(ċ) trasferiment ta' slots ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 3.

3. Slots allokati lil ⌦ parteċipant ⌫ ġdid kif definit fl-Artikolu 2(b) ma jistgħux jiġu trasferiti kif hemm provdut fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu għal perjodu ta' żewġ perjodi ta' skedar ekwivalenti, ħlief fil-każ ta' trasferiment ta' kontroll legalment awtorizzat tal-attivitajiet ta' impriża falluta.

Slots allokati lil ⌦ parteċipant ⌫ ġdid kif definit fl-Artikolu 2(b)(ii) u (iii) ma jistgħux ikunu trasferiti lil rotta oħra kif hemm provdut fil-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu għal perjodu ta' żewġ perjodi ta' skedar ekwivalenti kemm-il darba l-⌦ parteċipant ⌫ ġdid ma jkunx ġie ttrattat bl-istess prijorità fuq ir-rotta l-ġdida bħal dik fuq ir-rotta inizjali.

Slots allokati lil ⌦ parteċipant ⌫ ġdid kif definit fl-Artikolu 2(b) ma jistgħux ikunu skambjati kif hemm provdut fil-paragrafu 1(ċ) ta' dan l-Artikolu għal perjodu ta' żewġ perjodi

ta' skedar ekwivalenti, ħlief sabiex jittejbu l-ħinijiet tas-slots għal dawn is-servizzi b'relazzjoni mal-ħinijiet inizjalment mitluba.

*Artikolu 10*

**Esklużjoni ta' talbiet ta' kumpens**

---

| 🡻 793/2004 Art. 1, pt. 5 (adattat) |
|---|

Id-dritt għal serje ta' slots imsemmi fl-Artikolu 8(2) ma jagħtix lok għal xi talbiet ta' kumpens fir-rigward ta' xi limitazzjoni, restrizzjoni jew eliminazzjoni ta' dan imposti taħt il-liġi tal-Komunità, b'mod partikolari fl-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat li jirrelataw mat-trasport bl-ajru.

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa s-setgħat ta' awtoritajiet pubbliċi li jeħtieġu t-trasferiment ta' slots bejn trasportaturi bl-ajru u li jagħtu direzzjoni dwar kif dawn jiġu allokati skont il-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni jew l-Artikoli 81 jew 82 tat-Trattat jew ir-Regolament tal-Kunsill ⌦ (KE) Nru 139/2004 ⌫[12]. Dawn it-trasferimenti jistgħu jseħħu biss mingħajr kumpens monetarju.

*Artikolu 11*

**Obbligi ta' servizz pubbliku**

1. Fejn ikunu ġew imposti obbligi ta' servizz pubbliku fuq rotta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, Stat Membru jista' jirriżerva f'ajruport koordinat is-slots meħtieġa għall-operazzjonijiet maħsuba fuq dik ir-rotta. Jekk is-slots riżervati fuq ir-rotta konċernata ma jintużawx, dawn għandhom jintgħamlu disponibbli għal xi trasportatur bl-ajru ieħor interessat fl-operat tar-rotta skont l-obbligi ta' servizz pubbliku, bla ħsara għall-paragrafu 2. Jekk ebda trasportatur ma jkun interessat fl-operat tar-rotta u l-Istat Membru konċernat ma joħroġx sejħa għall-offerti taħt l-Artikolu 16(10) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, is-slots għandhom jew ikunu riżervati għal rotta oħra soġġetta għal obbligi ta' servizz pubbliku jew jingħataw lura lill-pool.

2. Il-proċedura ta' ⌦ sejħa għall- ⌫ offerti stabbilita fl-Artikolu 16(10), fl-Artikolu 17(3) sa (7) u fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 għandha tkun applikata għall-użu tas-slots imsemmija fil-paragrafu 1 ⌦ ta' dan l-Artikolu ⌫ jekk aktar minn trasportatur bl-ajru Komunitarju wieħed ikun interessat li jservi r-rotta u ma jkunux jistgħu jiksbu slots fi żmien siegħa waħda qabel jew wara l-ħinijiet mitluba lill-koordinatur.

---

12 ĠU L ⌦ 24, 29.1.2004, p. 1 ⌫.

↓ 793/2004 Art. 1, pt. 6 (adattat)

*Artikolu 12*

**Pool tas-slots**

1. Il-koordinatur għandu jwaqqaf pool, li għandu jkun fih is-slots kollha mhux allokati fuq il-bażi tal-Artikolu 8(2) u 8(4). Kull kapaċità ta' slots ⌦ ġdida ⌫ stabbilita skont l-Artikolu 3(3) għandha titqiegħed fil-pool.

2. Serje ta' slots li tkun ġiet allokata lil trasportatur bl-ajru għall-operat ta' servizz tal-ajru skedat jew ⌦ servizz tal-ajru mhux skedat ⌫ programmat ma għandhiex tagħti d-dritt lil dak it-trasportatur bl-ajru għall-istess serje ta' slots fil-perjodu ta' skedar ekwivalenti li jkun imiss jekk it-trasportatur bl-ajru ma jkunx jista' jagħti prova għas-sodisfazzjon tal-koordinatur li jkunu ġew operati, kif awtorizzat mill-koordinatur, minn dak it-trasportatur bl-ajru għal tal-anqas 80 % tal-ħin matul il-perjodu ta' skedar li għalih ikunu ġew allokati.

3. Slots allokati ⌦ lil trasportatur bl-ajru ⌫ qabel il-31 ta' Jannar għall-istaġun tas-sajf li jkun imiss, jew qabel il-31 ta' Awwissu għall-istaġun tax-xitwa li jkun imiss, iżda li jingħataw lura lill-koordinatur għall-allokazzjoni mill-ġdid qabel dawk id-dati ma għandux jingħata kont tagħhom għall-finijiet tal-kalkolu tal-użu.

4. Jekk l-użu ta' 80 % tas-serje ta' slots ma jkunx jista' jiġi ppruvat, is-slots kollha li jikkostitwixxu dik is-serje għandhom jitqegħdu fil-pool tas-slots, kemm-il darba n-nuqqas ta' utilizzazzjoni ma jkunx jista' jiġi ġustifikat fuq il-bażi ta' xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) ċirkostanzi inprevedibbli u li ma jkunux jistgħu jiġu evitati barra l-kontroll tat-trasportatur bl-ajru li jwasslu għal:

(i) ċirkostanzi li jġegħlu lill-ajruplan tat-tip ġeneralment użat għas-servizz tal-ajru inkwistjoni jibqa' fl-art;

(ii) l-għeluq tal-ajruport jew ta' l-ispazju tal-ajru;

(iii) disturb serju fl-operazzjonijiet fl-ajruporti konċernati, inklużi dawk is-serje ta' slots f'ajruporti oħra tal-Komunità relatati ma' rotot li jkun ġew affettwati minn dak id-disturb, matul parti sostanzjali tal-perjodu rilevanti ta' skedar;

(b) l-interruzzjoni ta' servizzi tal-ajru dovuta għal azzjoni maħsuba li taffettwa dawk is-servizzi u li tagħmilha prattikament u/jew teknikament impossibbli li t-trasportatur bl-ajru jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu kif ippjanati;

(ċ) ħsara serja finanzjarja għat-trasportatur bl-ajru inkwistjoni tal-Komunità, li ⌦ twassal għall- ⌫ għoti ta' liċenza temporanja mill-awtoritajiet tal-liċenzi sakemm issir riorganizzazzjoni finanzjarja tat-trasportatur bl-ajru skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008;

(d) proċedimenti ġudizzjarji li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 11 għar-rotot fejn ikunu ġew imposti obbligi ta' servizz pubbliku skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 li jirriżultaw fis-sospensjoni temporanja tal-operat ta' dawk ir-rotot.

5. Fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha l-Kummissjoni għandha teżamina l-applikazzjoni tal-paragrafu 4 mill-koordinatur ta' ajruport li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Hija għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċievi t-talba skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2).

6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, slots imqegħda fil-pool għandhom jitqassmu fost it-trasportaturi bl-ajru applikanti. 50 % ta' dawn is-slots għandhom l-ewwel jiġu allokati lil ⌦ parteċipanti ⌫ ġodda sakemm it-talbiet mill- ⌦ parteċipanti ⌫ ġodda ma jkunux anqas minn 50 %. Il-koordinatur għandu jittratta dawk it-talbiet ta' ⌦ parteċipanti ⌫ ġodda u ta' trasportaturi oħra b'mod ġust, skont il-perjodi ta' koordinament ta' kull jum ta' skedar.

Fost it-talbiet minn ⌦ parteċipanti ⌫ ġodda, għandha tingħata preferenza lil trasportaturi bl-ajru li jikkwalifikaw għal status ta' ⌦ parteċipanti ⌫ ġodda kemm taħt l-Artikolu 2(b)(i) u (ii) jew l-Artikolu 2(b)(i) u (iii).

7. ⌦ Parteċipant ⌫ ġdid li jkun ġie offrut serje ta' slots fi żmien siegħa qabel jew wara l-ħin mitlub iżda li ma jkunx aċċetta din l-offerta ma għandux iżomm l-istatus tiegħu ta' ⌦ parteċipant ⌫ ġdid għal dak il-perjodu ta' skedar.

8. Fil-każ ta' servizz operat minn grupp ta' trasportaturi bl-ajru, wieħed biss mit-trasportaturi bl-ajru li jipparteċipaw jista' japplika għas-slots meħtieġa. It-trasportatur bl-ajru li jopera dak is-servizz jassumi r-responsabbiltà li jikkonforma mal-kriterji ta' operat meħtieġa biex tinżamm il-preċedenza storika msemmija fl-Artikolu 8(2).

Slots allokati lil trasportatur bl-ajru wieħed jistgħu jintużaw minn trasportatur jew trasportaturi bl-ajru oħra ⌦ li jipparteċipaw f'operazzjoni konġunta ⌫ , kemm-il darba l-kodiċi li jagħraf it-trasportatur bl-ajru li lilu jiġu allokati s-slots jibqa' fuq it-titjira maqsuma għall-finijiet ta' koordinament u monitorjar. Malli ma jitkomplewx dawk l-operazzjonijiet, is-slots hekk użati għandhom jibqgħu tat-trasportatur bl-ajru li lilu kienu inizjalment allokati. Trasportaturi bl-ajru involuti f'operazzjonijiet maqsuma għandhom jinfurmaw lill-koordinaturi bid-dettalji ta' dawk l-operazzjonijiet qabel il-bidu ta' dawk l-operazzjonijiet.

9. Jekk ikomplu jeżistu problemi serji għall- ⌦ parteċipanti ⌫ ġodda, l-Istat Membru għandu jiżgura li titlaqqa' laqgħa tal-kumitat ta' koordinament tal-ajruport. L-għan tal-laqgħa għandu jkun li jiġu eżaminati l-possibiltajiet biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna għal dik il-laqgħa.

↓ 545/2009 Art. 1(1) (adattat)

*Artikolu 13*

**⌦ Kontinwazzjoni tad-dritt għal serje ta' slots ⌫**

Għall-finijiet tal-Artikolu 12(2), il-koordinaturi għandhom jaċċettaw li t-trasportaturi bl-ajru għall-perjodu tal-iskedar għas-Sajf 2010 għandhom id-dritt għall-istess serje ta' slots kif kienu allokati lilhom fil-bidu tal-perjodu tal-iskedar għas-Sajf 2009, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

↓ 793/2004 Art. 1, pt. 7 (adattat)

*Artikolu 14*

**Ilmenti u drittijiet ta' appell**

1. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' appell taħt il-liġi nazzjonali, l-ilmenti li jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-Artikoli 7(2), 8, 9, 12 u 17(1) sa (4) u (6) għandhom jintbagħtu lill-kumitat ta' koordinament. Il-kumitat għandu, fi żmien perjodu ta' xahar wara s-sottomissjoni tal-ilment, jikkonsidra l-kwistjoni u jekk possibbli jagħmel proposti lill-koordinatur biex jipprovi jirriżolvi l-problema. Jekk l-ilment ma jkunx jista' jiġi riżolt, l-Istat Membru responsabbli jista', f'perjodu ieħor ta' xahrejn, jipprovdi għall-medjazzjoni permezz ta' organizzazzjoni rappreżentattiva tat-trasportaturi bl-ajru jew tal-ajruporti jew xi parti terza oħra.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, skont il-liġi nazzjonali, biex jipproteġu lill-koordinaturi fir-rigward ta' talbiet għal danni li jirrelataw mal-funzjonijiet tagħhom taħt dan ir-Regolament, ħlief f'każijiet ta' negliġenza ⌦ serja ⌫ jew ⌦ imġieba ħażina volontarja ⌫.

↓ 95/93

*Artikolu 15*

↓ 793/2004 Art. 1, pt. 8

**Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi**

1. Kull fejn jidher li, fir-rigward tal-allokazzjoni u l-użu ta' slots fl-ajruporti tiegħu, pajjiz terz:

(a) ma jagħtix lit-trasportaturi bl-ajru Komunitarji trattament komparabbli għal dak mogħti taħt dan ir-Regolament lit-trasportaturi bl-ajru minn dak il-pajjiż, jew

(b) ma jagħtix *de facto* trattament nazzjonali lit-trasportaturi bl-ajru Komunitarji, jew

(ċ) jagħti lil trasportaturi bl-ajru minn pajjiżi terzi oħra trattament aktar favorevoli minn dak mogħti lit-trasportaturi bl-ajru Komunitarji,

il-Kummissjoni tista', skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 16(2), tiddeċiedi li Stat Membru jew Stati Membri għandhom jieħdu miżuri, inkluża s-sospensjoni kollha kemm hi jew f'parti tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' trasportatur bl-ajru jew trasportaturi bl-ajru ta' dak il-pajjiż terz bil-ħsieb li jiġi rimedjat il-komportament diskriminatorju tal-pajjiż terz konċernat.

---

🡻 95/93

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'xi diffikultajiet serji li jkunu ltaqgħu magħhom, fid-dritt jew fil-fatt, trasportaturi bl-ajru Komunitarji sabiex jakkwistaw slots f'ajruporti ta' pajjiżi terzi.

---

🡻 793/2004 Art. 1, pt. 9 (adattat)

*Artikolu 16*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jingħata kont tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat bħala wieħed ta' tlett xhur.

3. Il-kumitat jista' wkoll jiġi konsultat mill-Kummissjoni fuq kull materja oħra li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu17*

**Infurzar**

1. Il-pjan tat-titjira ta' trasportatur bl-ajru jista' jiġi rifjutat mill-awtoritajiet kompetenti li ⌦ jiġġestixxu ⌫ t-traffiku tal-ajru jekk it-trasportatur bl-ajru jkollu l-ħsieb li jinżel jew jitlaq minn ajruport koordinat, matul il-perjodi li għalihom ikun koordinat, mingħajr ma jkollu slot allokat mill-koordinatur.

2. Il-koordinatur għandu jirtira s-serje ta' slots proviżorjament allokati lil trasportatur bl-ajru fil-proċess li jistabbilixxi lilu nnifsu u jqegħdhom fil-pool fil-31 ta' Jannar għall-istaġun tas-sajf li jkun imiss jew fil-31 ta' Awwissu għall-istaġun tax-xitwa li jkun imiss jekk l-impriża ma jkollhiex fil-pussess tagħha liċenza ta' operat jew ekwivalenti f'dik id-data jew

jekk ma jkunx ġie dikjarat mill-awtorità kompetenti tal-liċenzi li x'aktarx tkun ser tinħareġ liċenza ta' operat jew ekwivalenti qabel ma jibda l-perjodu rilevanti ta' skedar.

3. Il-koordinatur għandu jirtira s-serje u jqiegħed fil-pool is-serje ta' slots ta' trasportatur bl-ajru, li dan ikun irċieva wara skambju skont l-Artikolu 9(1)(ċ) jekk ma jkunux intużaw kif maħsub.

4. Trasportaturi bl-ajru li ripetutament u intenzjonalment joperaw servizzi tal-ajru f'ħin sinjifikattivament differenti mis-slot allokat bħala parti minn serje ta' slots jew jużaw slots b'mod sinjifikattivament differenti minn dak indikat fil-ħin tal-allokazzjoni u b'hekk jikkawża preġudizzju lill-operazzjonijiet tal-ajruport jew tat-traffiku tal-ajru għandhom jitilfu l-istatus tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 8(2). Il-koordinatur jista' jiddeċiedi li jirtira mingħand dak it-trasportatur bl-ajru s-serje ta' slots inkwistjoni għall-bqija tal-perjodu ta' skedar u jqegħdhom fil-pool wara li jkun sema' lit-trasportatur bl-ajru konċernat u wara li jkun ħareġ twissija waħdiena.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi jew miżuri ekwivalenti jkunu disponibbli biex jittrattaw ma' operat ripetut u intenzjonat ta' servizzi tal-ajru f'ħinijiet sinjifikattivament differenti mis-slots allokati jew mal-użu ta' slots b'mod sinjifikattivament differenti minn dak indikat fil-ħin tal-allokazzjoni, fejn dan joħloq preġudizzju għall-operazzjonijiet tal-ajruport jew tat-traffiku tal-ajru.

6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12(4), jekk ir-rata ta' użu ta' 80 % kif definita flArtikolu 8(2) ma tkunx tista' tinkiseb minn trasportatur bl-ajru, il-koordinatur jista' jiddeċiedi li jirtira mingħand dak it-trasportatur bl-ajru s-serje ta' slots inkwistjoni għall-bqija tal-perjodu ta' skedar u jqegħdhom fil-pool wara li jkun sema' lit-trasportatur bl-ajru konċernat.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12(4), jekk wara ħin allokat li jikkorrispondi għal 20 % tal-perjodu tal-validità tas-serje ebda slots ta' dik is-serje ta' slots ma jkunu ntużaw, il-koordinatur għandu jqiegħed is-serje ta' slots inkwistjoni fil-*pool* għall-bqija tal-perjodu ta' skedar wara li jkun sema' lit-trasportatur bl-ajru konċernat.

---

| ↓ 793/2004 Art. 1, pt. 10 |
|---|

*Artikolu 18*

**Rapport u kooperazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat ta' dan ir-Regolament l-aktar tard tliet snin wara t-30 ta' Lulju 2004. Ir-rapport għandu jindirizza b'mod partikolari l-iffunzjonar tal-Artikoli 8, 9 u 12.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment fir-rigward tal-ġbir ta' informazzjoni għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

---

↓

*Artikolu 19*

**Tħassir**

Ir-Regolament (KEE) Nru 95/93 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

---

↓ 95/93 (adattat)

*Artikolu 20*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ⌦ fl-għoxrin ⌫ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, […]

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President*<br>*[...]* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President*<br>*[...]* |

↑

**ANNESS I**

**Regolament imħassar flimkien mal-lista tal-emendi suċċessivi tiegħu**

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 95/93 | (ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1) |
| Regolament (KE) Nru 894/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | (ĠU L 142, 31.5.2002, p. 3) |
| Regolament (KE) Nru 1554/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | (ĠU L 221, 4.9.2003, p. 1) |
| Regolament (KE) Nru 793/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 50) |
| Regolament (KE) Nru 545/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 24) |

# ANNESS II

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Regolament (KEE) Nru 95/93 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikoli 1 u 2 | Artikoli 1 u 2 |
| Artikolu 3(1)(a) | Artikolu 3(1) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 3(1)(b) | Artikolu 3(1) it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 3(2) sa (7) | Artikolu 3(2) sa (7) |
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu, (a), l-ewwel sas-seba' inċiżi | Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu, (a)(i) sa (vii) |
| Artikolu 5(1)(b) | Artikolu 5(1)(b) |
| Artikolu 5(2) u (3) | Artikolu 5(2) u (3) |
| Artikoli 6 u 7 | Artikoli 6 u 7 |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 8(1) |
| Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu | Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, kliem tal-bidu |
| Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel u t-tieni inċiżi | Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu, (a) u (b) |
| Artikolu 8(2), it-tieni subparagrafu | Artikolu 8(2), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 8(3) sa (7) | Artikolu 8(3) sa (7) |
| Artikolu 8a | Artikolu 9 |
| Artikolu 8a(1) | Artikolu 9(1) |
| Artikolu 8a(2) | Artikolu 9(2) |
| Artikolu 8a(3)(a) | Artikolu 9(3), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 8a(3)(b) | Artikolu 9(3), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 8a(3)(c) | Artikolu 9(3), it-tielet subparagrafu |
| Artikolu 8b, l-ewwel sentenza | Artikolu 10, l-ewwel paragrafu |

| | |
|---|---|
| Artikolu 8b, it-tieni u t-tielet sentenzi | Artikolu 10, it-tieni u t-tielet paragrafi |
| Artikolu 9 | Artikolu 11 |
| Artikolu 10(1), (2) u (3) | Artikolu 12(1), (2) u (3) |
| Artikolu 10(4)(a), l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiżi | Artikolu 12(4)(a)(i), (ii) u (iii) |
| Artikolu 10(4)(b), (ċ) u (d) | Artikolu 12(4)(b), (ċ) u (d) |
| Artikolu 10(5) sa (9) | Artikolu 12(5) sa (9) |
| Artikolu 10a | Artikolu 13 |
| Artikolu 11 | Artikoli 14 |
| Artikolu 12 | Artikolu 15 |
| Artikolu 13(1), (2) u (3) | Artikolu 16(1), (2) u (3) |
| Artikolu 13(4) | — |
| Artikolu 14(1) sa (5) | Artikolu 17(1) sa (5) |
| Artikolu 14(6)(a) u (b) | Artikolu 17(6), l-ewwel u t-tieni subparagrafi |
| Artikolu 14a | Artikolu 18 |
| — | Artikolu 19 |
| Artikolu 15 | Artikolu 20 |
| — | Anness I |
| — | Anness II |